**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 327/19 CZ**

**Staff Services (Malta) Limited (C-78278)**

**vs.**

**Anthony Grech (K.I. 522173 (M) ezercenti l-kummerc A & R Grech, u b'digriet tat-12 t'Ottubru 2020 inhatar Dr. Joseph P. Bonnici bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-fuq imsemmi assenti Anthony Grech**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 t'Ottubru 2019 li biha premettiet illi:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti toffri servizzi ta' rizorsi umani fejn l-impjegati taghha, fuq talba minn klijenti taghha ezistenti jew godda, jintbaghtu mis-socjeta'

rikorrenti sabiex jaghmlu xoghlijiet lil klijenti li jkunu ghamlu t-tali rikjesta abbazi ta' rata pagabbli kull siegha;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti baghtet lil tnejn mill-impjegati taghha, fuq inkarigu tal-intimat, sabiex jaghmlu xoghol fl-operat tal-istess intimat gewwa Marsaxlokk u Birkirkara;
3. Illi in vista tas-servizzi rezi lilu, l-intimat huwa debitur tas-socjeta' esponenti fl-ammont ta' tlett'elef hames mija u disgha u disghin Euro u erbgha u sittin centezmu (€3,599.64) hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A';
4. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont sopracitat, huwa baqa' inadempjenti;
5. Illi sussegwentement, fid-9 t'Awwissu 2019, is-socjeta' rikorrenti intavolat ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'numru ta' referenza 2457/2019 fejn ghall-ahhar darba interpellat lill-intimat sabiex ihallas l-ammont dovut (Kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B) izda din ma giex debitament notifikat lill-intimat;
6. Illi ghahekk, is-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief li tipprocedi b'din il-kawza;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal:

Sabiex jiddeciedi u jiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta' rikorenti s-somma ta' tlett'elef hames mija u disgha u disghin Euro u erbgha u sittin centezmu (€3,599.64);

Konsegwentement jordna u jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-ammont kollu dovut, hekk kif precedentement kien likwidat u dikjarat;

Salv kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz ta' din l-ittra ufficcjali kontra l-intimat u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni.

Ra illi b'digriet tat-12 t'Ottubru 2020, inhatar l-Avukat Joseph P. Bonnici bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti konvenut Anthony Grech.

Ra r-risposta tal-istess Avukat Joseph P. Bonnici bhala kuratur deputat tal-assenti Anthony Grech prezentata fl-1 ta' Dicembru 2020, li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, l-esponent gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-konvenut Anthony Grech permezz ta' digriet tal-25 ta' Novembru 2020 u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju fejn l-Avukat nominat qieghed jidher u jirraprezenta ghall-istess konvenut assenti.
2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-konvenut u kemm il-kumpanija ghandhom residenza u operazzjoni Maltija u peress illi l-konvenut huwa cittadin Malti, is-socjeta' rikorrenti kellhom jinnotifikaw il-konvenut permezz tal-procedura ta' affissjoni skodn il-Ligi partikolarment skond id-dispozizzjonijjiet tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dawn il-proceduri ghandhom jigu dikjarati bhala nulli u invalidi.
3. Illi minghajr pregudizzju, is-socjeta' rikorrenti ghandhom jippruva illi huma l-kredituri ta' dak l-ammont allegatament indikat u li l-konvenuti huma verament id-debituri tal-ammont allegat.
4. Illi minghajr pregudizzju, is-servizzi rezi allegati mis-socjeta' rikorrenti iridu jkunu aktar specifici u indikattivi.
5. Illi l-esponent ghalhem ma huwiex edott mill-fatti, jirriserva minn issa risposta ulterjuri skond il-kaz.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta' Trevor Fenech, affidavit iehor ta' Trevor Fenech, u affidavit ta' Lenka Racekova.

Ra illi l-kuratur deputat ghall-assenti Anthony Grech ma kellu l-ebda provi xi jressaq.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi Trevor Fenech, direttur tas-socjeta' attrici, xehed illi s-socjeta' attrici taghti staff lil kumpaniji ohra, l-iktar fil-qasam tal-ospitalita'. Il-konvenut ried xi haddiema sabiex jiggestixxi l-kafe' Corner 16 f'Birkirkara, u s-socjeta' attrici provdietlu tnejn min-nies. Ghax-xoghol ta' dawn it-tnejn min-nies, il-konvenut baqa' ma hallasx, u s-socjeta' attrici kellha taghmel dawn il-proceduri.

Illi Lenka Racekova qalet illi tahdem bhala amministratur tal-ufficcju tas-socjeta' attrici, u li kienet baghtet tnejn min-nies biex jahdmu mal-konvenut. Minkejja li bejniethom, dawn it-tnejn min-nies hadmu b'kollox mal-erba' mija u sbatax-il siegha, il-kovnenut baqa' ma hallasx.

Illi rrizulta u mhux kontradett illi s-socjeta' attrici intalbet taghti xi haddiema lill-konvenut sabiex jipprestaw servizzi ta' ospitalita' fil-kafe' tieghu. Ghalkemm dawn il-haddiema ghamlu xogholhom ghand il-konvenut, dan baqa' ma hallasx meta mitlub mis-socjeta' attrici. Illi dan l-amont ghandu ghalhekk jithallas peress li jidher car li huwa dovut u l-konvenut ma offriex rezistenza ghall-hlas.

Illi iktar minn hekk, it-tieni eccezzjoni tal-kuratur deputat giet indirizzata bl-affidavit ta' Trevor Fenech, fejn indika li Anthony Grech qieghed illum jghix barra minn Malta, u ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma jisthoqq li tintlaqa'.

Illi kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, kif jidher fl-okkju tas-sentenza odjerna, l-okkju gie debitament emendat sabiex jirrifletti l-hatra tal-kuratur deputat, u ghaldaqstant lanqas din ma jisthoqq tintlaqa'.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' Dr. Joseph P. Bonnici bhala kuratur deputat tal-assenti Anthony Grech, jilqa' t-talbiet tas-socejta' attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef hames mija u disgha u disghin Euro u erbgha u sittin centezmu (€3,599.64) bl-imghax mid-data ta' kull fattura sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur